# DIWI TA' GĦANA

*Ħassejtkom tidwu lkoll, mindu kont ċkejken,*
*Ġol-qalb bi ħsus mill-kbar ta' hemm mogħnija,*
*Għax fiha sibtu darkom, għalkemm fqira,*
*W bil-hemm mifnija.*

*Jien smajthom kemm-il darba f'lejla siekta*
*X'ħin kont inħares lejn il-qamar sbejjaħ.*
*U xtaqt fid-difa 'l hemm mill-qamar ħiemed*
*Lil mewt insejjaħ:*

*Ħassejt ġe' qalbi fis-snin l-imgħoddija*
*In-niket kbir igħajjat: 'Qalbek tagħna!"*
*W fil-hemm bħal diwi ġej mill-bogħ'd smajt jidwi:*
*Diwi ta' Għana!*

San Ġiljan – 2.i.1962

**ALFRED DEGABRIELE**